**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1012/2021 LC

**ANTONIA *SIVE* ANTOINETTE VELLA (K.I. 0857250M)**
**CARMEN AZZOPARDI (K.I. 0365543M)**
**VICTORIA FORMOSA (K.I. 0372547M)**
**MARIA DOLORES SIVE DORIS CIANTAR (K.I. 0203253M)**
**SALVINA SIVE SALLY SPITERI (K.I. 0869654M)**
**CHRISTIAN JOSEPH SPITERI (K.I. 77383M)**
**JONATHAN KARL SPITERI (K.I. 329884M)**
**EMANUEL SIVE MANNY SPITERI (PASSAPORT MALTI NRU. N7463777)**
**THERESA SPITERI (K.I. 774257M)**
**MARIO BONELLO (K.I. 198082M)**
**RYAN BONELLO (K.I. 502386M)**

*vs*

**MARIO BONELLO (K.I. 537552M)**

**AWTORITA' TAD-DJAR**

**Illum, 11 ta' Jannar 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Antonia *sive* Antoinette Vella (K.I. 0857250M), Carmen Azzopardi (K.I. 0365543M), Victoria Formosa (K.I.

0372547M), Maria Dolores *sive* Doris Ciantar (K.I. 0203253M), Salvina sive Sally Spiteri (K.I. 0869654M), Christian Joseph Spiteri (K.I. 77383M), Jonathan Karl Spiteri (K.I. 329884M), Emanuel *sive* Manny Spiteri (Passaport Malti Nru. N7463777), Theresa Spiteri (K.I. 774257M), Mario Bonello (K.I. 198082M) u Ryan Bonello (K.I. 502386M) fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Mario Bonello (K.I. 537552M) huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond Edelweiss, 8, St. Barbara Street, Rabat, Malta, u jikkwalifika bħala kerrejj ta' dar ta' abitazzjoni abbażi tal-Art. 12B. tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Mario Bonello (K.I. 537552M) fuq it-test tal-mezzi stabbiliti fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru 2020.

III. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Art. 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond Edelweiss, 8, St. Barbara Street, Rabat, Malta, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

IV. Jordna, f'każ illi l-intimat Mario Bonello (K.I. 537552M) ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond in

kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalisiasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Ra id-dokument anness mal-istess rikors promotur.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata d-9 ta' Frar, tas-sena 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi irridu qabel xejn jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom s-sidien uniċi tal-fond; (ii) illi l-atturi għandhom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti Francesco Spiteri u Theresa Spiteri; (iii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (v) illi l-Periti maħtura bil-Liġi għandhom jagħtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f'każ li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimat Mario Bonello (K.I. 537552M) datata t-28 ta' Frar, 2022 fejn sommarjament, eċċepixxa fost l-oħrajn illi (i) fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel illi huwa l-inkwilin tal-fond Edelweiss, 8, St. Barbara Street, Rabat, Malta u li huwa jikkwalifika bħala kerrej ta' dar ta' abitazzjoni abbażi tal-leġislazzjoni imsemmija; (ii) Illi fir-rigward tat-tieni, it-tielet, u r-raba' talba, l-esponenti jissotometti illi huwa għandu dħul baxx, huwa pensjonant u jiddependi għal kollox mill-kirja odjerna sabiex ma jispiċċax barra fit-triq, (iii) illi l-esponenti żgur li jissodisfa bis-sħiħ il-kriterji tat-test tal-mezzi stabbiliti fil-liġi kif ibbażati fuq id-dħul tiegħu fil-perjodu

relattiv, (iv) illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord joġġħbu jawmenta l-kera, huwa għandu jqis il-fatturi kollha fil-liġi, flimkien ma’ fatturi oħra, fost l-oħrajn, l-eta’ tal-esponenti, il-benefikati illi huwa għamel fil-fond, et cetera, biex b’ hekk kwalunkwe kera riveduta tkun fl-inqas ammonti permessi, u għandha titqies gradwalment; (v) illi li dan il-Bord m’għandux jordna l-iżgumbrament tiegħu mill-fond *de quo*, liem ordni hija miżura estrema ħafna kkontemplata fil-liġi li ġiet introdotta fl-Att Numru XXIV tas-sena 2021; (vi) illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f’każ illi dana l-Bord isib a favur tar-rikorrenti u jiddeċiedi li l-esponenti għandu jivvaka l-fond jew f’każ illi l-kera li tiġi iffissata minn dana l-Bord tkun tali li ma tkunx tista’ tiġi mħallsa mill-esponenti, l-Awtorita’ tad-Djar illi qiegħda tiġi mħarka f’dawn il-proċeduri għandha tassisti lill-esponenti sabiex issiblu residenza alternattiva u (vii) il-posizzjoni tal-intimat hija waħda ta’ bla ħtija, u jekk xi ħadd għandu jwieġeb għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont tal-kera li joġġħbu jordna dan l-Onorabbli Bord, huwa il-Gvern inkella l-Awtorita’ tad-Djar kif delegata fl-irwol tagħha.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta’ dan il-Bord tat-13 ta’ Jannar, 2022, l-intimat wettaq it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Alan Galea u l-Perit Vincent Buhagiar ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-

sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta’ abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta’ dan l-istess fond.

Illi skont ma jirriżulta mit-testment unica charta redatt mill-ġenituri tar-rikorrneti Francis Spiteri u Theresa Spiteri fl-atti tan-nutar Pierre Falzon datat id-19 ta’ April 1996, it-testaturi nnominaw u istitwixxew bħala eredi universali lil uliedhom ir-rikorrenti. Jirriżulta li ommhom Tereza Spiteri ġiet nieqsa fil-15 ta’ April 2007 u b’testment ieħor datat l-24 ta’ Awwissu 2007 fl-atti tan-Nutar Dottoressa Maria Sciberras, missierhom Francis Spiteri għamel xi emendi fit-testment tiegħu, fosthom billi iddeżerida wieħed mill-ulied tiegħu in kwantu għal sehmu mill wirt.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b’xi mod tinnega dan l-istat ta’ fatt ikkreat mill-att appena msemmi, u fid-dawl tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi jirriżulta li l-fond de quo ġie reġistrat bħala fond ħieles mill-kontroll ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta. Di più fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jistqarru illi l-fond de quo ilu mikri lill-intimat ma’ mill-1988 b’kera ta’ €435 fis-sena. Illi da parti tiegħu, l-intimat jiddikjara illi huwa l-inkwilin tal-fond *de quo.*

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimat huwa l-inkwilin ma ġietx ikkontestata, anzi kkonfermata minnu stess, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimat Mario Bonello huwa effettivament l-inkiwlin tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Mario Bonello , kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimat kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi **Mario Bonello ma jeċċedix** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 12B(5) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 12B(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'dar residenzjali mibnija fuq żewġ sulari bl-arja tagħha u kantina ġo triq residenzjali. Il-fond huwa fi stat finished. L-irfinituri

huma sodisfaċentji iżda qodma u l-post għandu bżonn refurbishment u upgrade.

Illi l-periti tal-Bord, wara li ħadu kundizzjoni talproċess u djar u kkonsidraw il-fatturi relatati mal-fond illi jinkludu: (i) l-użu tal-*comparison method* bħala metodu sabiex wasslu għall-istima tal-proprjetà immobbli; (ii) il-kundizzjoni tal-fond u l-ispejjeż konnessi max-xogħolijiet relatati għall-ipgrade tal-post biex jiġi tal-livell għall-istandards mfittxija llum; (iii) l-ispejjeż konnessi ma xogħolijiet ta' bini; huma tal-fehma li l-valur tal-fond, li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu, fl-istat li jinsab fih, fis-suq ħieles fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021 hu ta’ mitejn u ħamsa u tmenin elf Ewro (€285,000).

Ikkonsidra

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *“il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta’ dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta’ kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom”*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta’ Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi tenut kont ta' dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata u tal-età tagħha, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' ħamest' elef u seba' mitt ewro fis-sena (€5,700).

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi Mario Bonello huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond "Edeweiss", 8, St. Barbara Street, Rabat (Malta) u għaldaqstant jikkwalifika bħala kerrej ai termini tal-liġi;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tat-tieni talba stante li t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri;

3. Jilqa' it-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond "Edeweiss", 8, St. Barbara Street, Rabat (Malta) għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Mario Bonello għall-ammont ta' ħamest elef u seba' mitt ewro fis-sena (€5,700) pagabbli mil-lum bħala d-data tas-sentenza, bil-modalità ta' erba' skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta' Jannar, l-ewwel ta' April, l-ewwel ta' Lulju u l-ewwel ta' Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante li l-intimat Mario Bonello jissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorita' intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**